31997D0837

17.12.1997 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 346/95

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Diċembru 1997

## li temenda d-Deċiżjoni 83/247/KEE li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Politika Komunitarja rigward il-Forestrija u l-Industriji bbażati fuq il-Forestrija

(97/837/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi, fid-dawl ta' l-evoluzzjoni ekonomika tal-forestrija u l-industriji bażati fuq il-forestrija fil-Komunità u l-bżonn li tiġi żgurata r-rappreżentazzjoni tad-diversi oqsma tagħha fil-kumitat, huwa xieraq li tiġi emendata d-Deċizjoni tal-Kummissjoni 83/247/KEE ([1]),

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Id-Deċiżjoni 83/247/KEE qiegħda b'hekk tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikoli 1, 2, u 3 qed jinbidlu b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 1*

Kumitat konsultattiv fuq il-politika dwar il-politika Komunitarja rigward il-forestrija u l-industriji bbażati fuq il-forestrija minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-kumitat', qiegħed b'hekk jiġi stabbilit taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni. Il-kumitat għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta'l-organizzazzjonijiet Ewropej ta'l-industriji bbażati fuq il-forestrija.

*Artikolu 2*

Il-kumitat għandu, fuq talba tal-Kummissjoni, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, jagħti parir lill-Kummissjoni fuq l-aspetti industrijali tal-politika Komunitarja li teffettwa l-forestrija u l-industriji bażati fuq il-forestrija, kif ukoll fuq is-swieq u kunsiderazzjonijet ekonomiċi oħra li jeffettwaw prodotti tal-forestrija fil-Komunità jew it-talba għalihom.

*Artikolu 3*

Il-kumitat għandu jkun magħmul minn 23 membru:

— ħames membri li jirrappreżentaw is-settur tal-forestrija,

— sitt membri li jirrappreżentaw l-industrija mekkanika ta' l-injam,

— sitt membri li jirrappreżentaw l-industriji li jipproduċu u jikkonvertu l-polpa, il-karta u l-*boards*,

— sitt membri li jirrappreżentaw l-industrija ta'l-istampar u l-pubblikazzjoni.";

2. L-Artikoli 5 u 6 qed jinbidlu b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 5*

Iż-żmien tal-kariga tal-membri tal-kumitat għandu jkun ta' sentejn, u jista' jiġi mġedded wara għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Meta jagħlaq il-perjodu ta' sentejn, il-membri tal-kumitat għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jinbidlu jew sakemm iż-żmien tal-kariga tagħhom jiġġedded.

Iż-żmien tal-kariga ta'membru għandu jintemm qabel ma jagħlaq il-perjodu ta' sentejn fil-każ tar-riżenja jew il-mewt tiegħu.

Huwa għandu jiġi sostitwit għall-bqija taż-żmien tiegħu fil-kariga skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

Il-Membri ma għandhomx jitħallsu tas-servizzi tagħhom.

*Artikolu 6*

Il-lista tal-membri tal-kumitat għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni għal skop ta' informazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.";

3. L-Artikolu 10 qed jinbidel b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 10*

1. Il-kumitat u l-gruppi ta' ħidma għandhom jiġu mlaqqgħin mill-president. Il-kumitat għandu jiltaqa' fil-kwartieri generali tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentanti tad-dipartimenti konċernati tal-Kummissjoni għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat tal-kumitat u tal-gruppi ta' ħidma."

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Diċembru 1997.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 137, tas-26.5.1983, p. 31.

*L-ANNESS*

## Il-KUMITAT DWAR POLITIKA KOMUNITARJA RIGWARD IL-FORESTRIJA U L-INDUSTRIJI BBAŻATI FUQ IL-FORESTRIJA

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Is-settur tal-forestrija** | **5 membri** |
| | Il-foresti pubbliċi | 1 |
| | CEPF – Confederation européene des produceurs forestiers | 1 |
| | USSE – Union de Silvicultores del Sur de Europa | 1 |
| | UFE – Union of European Foresters | 1 |
| | FECOF – Fédération européenne des communes forestieres | 1 |
| **2.** | **L-industrija mekkanika ta'l-injam** | **6 membri** |
| | CEI-Bois – Confederation europeenne des industries du bois | 1 |
| | OES – Organisation europeenne des scieries | 1 |
| | FESYP – Federation europeenne des syndicates de fabricants de panneaux de particules | 1 |
| | FEROPA – Federation europeenne des fabricants de panneaux de fibres | 1 |
| | FEIC – Federation europeenne des industries du contreplaque | 1 |
| | Euro MDF – European Association of Medium Density Fireboard | 1 |
| **3.** | **Il-fabbrikazzjoni u l-konverżjoni tal-polpa, tal-karta u tal-bord** | **6 membri** |
| | CEPI – Confederation of European Paper Industries | 1 |
| | EPIS – European Pulp Industry Sector | 1 |
| | CEPI – Cartonboard/Procarton | 1 |
| | SEKF – European Tissue Symposium | 1 |
| | EDANA – European Disposables and Non-wovens Association | 1 |
| | CITPA – Confederation internationale des transformateurs de papier et carton en Europe | 1 |
| **4.** | **L-istampar u l-pubblikazzjoni** | **6 membri** |
| | INTERGRAF – Confederation internationale de l'industrie graphique et des industries annexes | 1 |
| | FAEP – Federation des associations d'editeurs de periodiques de la CEE | 1 |
| | ENPA – European Newspaper Publishers Association | 1 |
| | EAPD – European Association of Directory Publishers | 1 |
| | KEP – European Publishers Council | 1 |
| | FEP – Federation of European Publishers | 1 |
| | **Total** | **23** |